**PETI_PV(2010)187_1**

**MINUTI**
Data tal-laqgħa: 15 ta' Lulju 2010, mid-9.00 san-12.30 u mit-15.00 sas-18.30
BRUSSELL

**1. Laqgħa tal-Koordinaturi (in camera, mid-9.00 sal-10.00)**

*

*Il-laqgħa bdiet fl-10.10 nhar il-Ħamis 15 ta' Lulju 2010, b'Erminia Mazzoni bħala President.*

*

**2. Adozzjoni tal-abbozz ta' aġenda** PETI_OJ (2010)187_1

Il-President qrat l-apoloġiji ta' Pascale Gruny u Rainer Wieland, li kienu assenti għal raġunijiet personali.

Punt 7 kien se jkun introdott minn Norica Nicolai, minflok Adina-Ioana Vălean, assenti għal raġunijiet ta' saħħa.

Punt 9: dokument rivedut ġie ċċirkolat waqt il-laqgħa.

Il-petizzjonanti Paul de Clerck u Christoph Klein ingħatatilhom merħba fil-laqgħa.

Punt 10 ġie pospost.

L-aġenda ġiet adottata kif emendata.

**3. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat tal-4 u tal-31 ta' Mejju 2010:**

Il-minuti ġew approvati mingħajr emendi.

**4. Avviżi tal-President**

Il-President ħabbret li l-anness għan-noti tal-President tqassam il-ġimgħa ta' qabel bir-rakkomandazzjonijiet dwar il-petizzjonijiet li kellhom jerġgħu jinfetħu, jingħalqu jew jiġu rtirati. Billi ma waslux osservazzjonijiet, tqiesu li ġew approvati.



Magħquda fid-diversità

Il-President qrat il-konklużjonijiet tal-Laqgħa tal-Koordinaturi:

- Il-President irrapportat dwar il-missjoni tagħha f'Ċipru (bejn it-3 u s-6 ta' Ġunju), il-Membri rrikonoxxew is-sensittività tal-kwistjoni u rrakkomandaw li jsir skambju ta' informazzjoni mal-Grupp ta' Kuntatt ta' Livell Għoli dwar Ċipru tat-Tramuntana. Is-Segretarjat intalab jiċċirkola nota b'xi alternattivi biex isir progress.
- Il-President irrapportat dwar il-laqgħa li kellha mal-Kummissarju Dalli fi Strasburgu dwar il-petizzjoni 473/2008 (is-Sur Klein). Kellha ssir diskussjoni sħiħa dwar dan fil-Kumitat.
- Il-President irrapportat dwar il-laqgħa tagħha mal-Kummissarju Šefčovič li kien mistieden jattendi l-laqgħa ta' Settembru għad-diskussjoni dwar is-26 Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Applikazzjoni tal-Liġi Komunitarja, b'mod partikolari d-distinzjoni bejn l-ilmenti u l-petizzjonijiet, u possibilment l-Inizjattiva taċ-Ċittadini.
- Il-President infurmat lill-membri dwar il-laqgħa tagħha mal-President Buzek u dwar l-aspettattivi rigward l-aġġornament tal-websajt tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet.
- Il-Membri ġew infurmati bl-ittra tal-Ministru Spanjol tal-Ambjent u tal-Affarijiet Rurali u Marittimi tas-6 ta' Lulju. Ġie deċiż li tintalab l-opinjoni tas-servizz legali rigward ir-retroattività tal-leġiżlazzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-esproprijazzjonijiet.
- Rigward il-kwistjoni tas-sistema ta' pajpijiet Nordstream, sakemm issir aktar diskussjoni fil-Kumitat, Giles Chichester issuġġerixxa l-possibilità ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni.
- Il-President ħabbret li kien se jkun hemm laqgħa konġunta mal-Kumitat AFCO u mal-Parlamenti Nazzjonali fit-30 ta' Settembru wara nofsinhar, sabiex tiġi diskussa l-pożizzjoni tal-Parlament dwar l-ECI. Għandha tiġi rranġata laqgħa konġunta oħra mal-Kumitat AFCO f'Ottubru.
- Rigward l-organizzazzjoni tax-xogħol tal-Kumitat, saret talba biex jiġi propost ħin għal dibattitu dwar l-emendi għar-rapporti qabel il-vot. Barra minn hekk, is-Sur Jahr irrapporta dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa tiegħu mas-Segretarjat rigward it-trattament ta' dawk magħrufin bħala non-petizzjonijiet. Hu kien biħsiebu jkellem lid-DĠ Presidenza dwar is-suġġett.
- L-abbozz tal-aġenda għal Settembru ġie approvat, suġġett għall-inklużjoni tal-preżenza tal-Kummissarju Šefčovič u l-preżenza tal-Aġenzija tal-Ambjent għad-diskussjoni dwar ir-rapport tal-missjoni għall-ġbir ta' informazzjoni fir-reġjun tal-Campania, l-Italja.

**5. Adozzjoni tal-opinjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 – Taqsima VIII – l-Ombudsman Ewropew**

Norica Nicolai ppreżentat l-opinjoni.

*Kelliema:* il-President, Peter Jahr, Margrete Auken.

Emenda orali mressqa minn Peter Jahr ġiet adottata bi 15-il vot favur u tliet astensjonijiet. Ir-rapport u emenda waħda bil-miktub ġew adottati unanimament.

**6. Preżentazzjoni ta' Rapport dwar ir-Rapport Annwali 2009 tal-Ombudsman Ewropew (2010/2059(INI))**

Mariya Nedelcheva ppreżentat ir-rapport tagħha.

*Kelliema:* Il-President, Margrete Auken, William Floyd (rappreżentant tal-Kummissjoni), Simon Busuttil, Victor Boştinaru, Gerald Häfner.

Skadenza għall-emendi: 6 ta' Settembru, 18:00.

Adozzjoni: 29 ta' Settembru.

**7. Preżentazzjoni ta' rapport dwar ir-Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew wara l-Abbozz ta' Rakkomandazzjoni għall-Kummissjoni Ewropea fl-ilment 676/2008RT (2010/2086(INI))**

Chrysoula Paliadeli ppreżentat ir-rapport tagħha.

*Kelliema:* Il-President, Paul de Clerck (petizzjonant), Marc Maes (rappreżentant tal-Kummissjoni), Gerald Häfner, Victor Boştinaru, Elena Băsescu.

Il-Kumitat esprima fehmtu b'qawwa li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni poġġiet l-interessi taċ-ċittadini wara dawk ta' kumpanija privata.

Skadenza għall-emendi: 6 ta' Settembru, 18:00.

Adozzjoni: 29 ta' Settembru.

**8. Preżentazzjoni ta' Opinjoni dwar il-Monitoraġġ tal-Applikazzjoni tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea (2008) (2010/2076(INI); COM(2009)0675)**

Il-President ippreżentat l-abbozz ta' opinjoni tagħha u d-dokument ta' ħidma (li tqassmu waqt il-laqgħa).

*Kelliema:* Il-President, Jonathan Stoodley (rappreżentant tal-Kummissjoni), Margrete Auken.

Skadenza għall-emendi: 6 ta' Settembru, 18:00.

**9. Preżentazzjoni ta' Opinjoni dwar Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadin (COM 2010/0119) (2010/0074(COD))**

Diana Wallis ippreżentat dokument ta' pożizzjoni f'isimha u f'isem il-korapporteur Gerald Häfner.

*Kelliema*: Il-President; Mario P. Tenreiro (rappreżentant tal-Kummissjoni), Jarosław Leszek Wałęsa, Simon Busuttil, Constance Le Grip, Tatjana Ždanoka, Bairbre de Brún, Lena Kolarska-Bobińska, Andrew Duff, Victor Boştinaru, Gerald Häfner

Laqgħa konġunta mal-Kumitat AFCO u l-parlamenti nazzjonali hija skedata għat-30 ta' Settembru wara nofsinhar. Laqgħa konġunta oħra mal-Kumitat AFCO se tiġi skedata f'Ottubru.

**10. Adozzjoni tar-rapport dwar iż-żjara f'Huelva għall-ġbir ta' informazzjoni dwar il-petizzjonijiet 631/2007, 1458/2007 u 1682/2008 (16-18.02.2010)**

Il-Membri approvaw unanimament ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport b'żewġ emendi ta' Willy Meyer, li ġew aċċettati u inkorporati mill-awtur.

*

*Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-12.45.*

**

*Il-laqgħa reġgħet bdiet fit-15.00 bil-President tippresiedi.*

*

**11. Petizzjoni Nru 473/2008 mressqa mis-Sur Christoph Klein (Ġermaniż), dwar in-nuqqas tal-Kummissjoni li tieħu azzjoni fir-rigward ta' każ marbut mal-kompetizzjoni, u l-impatt negattiv ta' dan fuq il-kumpanija kkonċernata**

*Kelliema*: Il-President, Christoph Klein (petizzjonant), Jacqueline Minor (rappreżentanta tal-Kummissjoni), Peter Jahr, Gerald Häfner, Angelika Werthmann, Margrete Auken, David Schneider-Addae-Mensah

Il-President ħadet nota li t-tweġiba tal-Kummissjoni ma kinitx tirrifletti dak li fehmet hi rigward l-impenn tal-Kummissarju, li kienet iltaqgħet miegħu fi Strasburgu.

*Deċiżjoni*: Issir talba għal dikjarazzjoni bil-miktub min-naħa tal-Kummissjoni.

**12. Diskussjoni dwar is-segwitu għar-rapport dwar l-impatt ambjentali tal-pajpijiet tal-gass tan-Nordstream fil-Baħar Baltiku sabiex jgħaqqdu r-Russja u l-Ġermanja (Petizzjonijiet 614/2007 u 952/2006) (2007/2118(INI)) (Rapporteur: LIBICKI)**

*Kelliema*: Il-President, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Stephanos Ampatzis (rappreżentant tal-Kummissjoni), Zbigniew Ziobro, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Victor Boştinaru.

Zbigniew Ziobro ssuġġerixxa li ssir mozzjoni għal riżoluzzjoni.

*Deċiżjoni*: Tiġi riferita lil-Laqgħa tal-Koordinaturi f'Settembru.

**13. Eżami ta' rapport dwar iż-Żjara f'Campania għall-ġbir ta' informazzjoni (27-30 ta' April 2010)**

(Skadenza għall-emendi: 6 ta' Settembru, 18:00)

(Adozzjoni: 29 ta' Settembru)

Margrete Auken ippreżentat ir-rapport f'isem id-Delegazzjoni.

*Kelliema*: Il-President, Giuseppe Manganaro, Marcello Roma (rappreżentanti tal-Kummissjoni mid-DĠ ENVI u d-DĠ REGIO), Tommaso Esposito, Anna Maria Ranieri (petizzjonanti) Giovanni Romano (Kunsillier għall-Ambjent u l-Iskart tar-Reġjun tal-Campania), Peter Jahr, Andrea Cozzolino, Vincenzo Iovine, Bairbre de Brún, Ivo Poggiani (petizzjonant).

Il-President ikkritikat il-Kummissjoni, li bl-ebda mod ma indirizzat il-konklużjonijiet tar-rapport. Il-Kumitat innota l-impenn tal-Kunsillier tar-Reġjun tal-Campania biex jiġi adottat pjan integrat għall-ġestjoni tal-iskart sa tmiem is-sena.

*Deċiżjoni*: Issir talba għal dikjarazzjoni bil-miktub min-naħa tal-Kummissjoni.

**14. Petizzjoni Nru 1494/2009 minn Ermando Mennella (Taljan) f'isem il-'Federalberghi Isole Minori' dwar il-kollegamenti tal-laneċ bejn l-Italja u l-ġżejjer tagħha**

*Kelliema*: Il-President, Ermando Menella (petizzjonant) Giovanni Mendola (rappreżentant tal-Kummissjoni).

*Deċiżjoni*: Tibqa' miftuħa, bil-possibilità ta' mistoqsija orali.

**15. Petizzjoni Nru 1227/2009 minn D.W. (Irlandiż), f'isem il-'Friends of Penzance Harbour', dwar l-iżvilupp tal-port ta' Penzance, Cornwall sabiex tittejjeb il-komunikazzjoni mal-Gżejjer Scilly**

*Kelliema*: Il-President, John Maggs (petizzjonant), Koen Delanghe (rappreżentant tal-Kummissjoni), Keith Taylor

Il-Kumitat ħa nota tan-nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-Kummissjoni dwar id-dimensjonijiet ambjentali tal-petizzjoni, b'mod partikolari rigward id-Direttiva dwar l-EIA u dik dwar l-Għasafar

*Deċiżjoni*: Tibqa' miftuħa, sakemm tasal aktar informazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet tar-Renju Unit.

**16. Petizzjonijiet li d-diskussjoni dwarhom ġiet posposta għal laqgħa oħra**

Petizzjoni Nru 1036/2009.

**17. Petizzjonijiet f'Taqsima B**

Il-petizzjonijiet 415/2005, 419/2005, 877/2007, 1016/2007, 239/2008, 436/2008, 635/2008, 973/2008, 1277/2008, 1708/2008, 1792/2008, 1841/2008, 46/2009, 94/2009, 310/2009, 365/2009, 367/2009, 383/2009, 541/2009, 886/2009, 892/2009, 971/2009, 1063/2009, 1141/2009, 1164/2009, 1170/2009, 1176/2009, 1207/2009, 1215/2009, 1263/2009, 1267/2009, 1308/2009, 1335/2009, 1381/2009, 1388/2009, 1403/2009, 1424/2009, 1441/2009, 1444/2009, 1448/2009, 1454/2009, 1461/2009, 1463/2009, 1493/2009, 1505/2009, 1507/2009, 1524/2009, 1545/2009, 1564/2009, 1572/2009, 1602/2009, 1607/2009, 1624/2009, 1630/2009, 1637/2009, 1646/2009, 1647/2009, 1660/2009, 1680/2009, 1682/2009, 1683/2009, 1786/2009, 1790/2009, 1798/2009 u 1863/2009 ngħalqu fuq il-bażi tar-risposti bil-miktub tal-Kummissjoni.

Il-petizzjonijiet 249/2007, 267/2007, 587/2008, 1661/2008, 1269/2009 u 1820/2009 se jiċċaqilqu minn Taqsima B u se jkunu diskussi bħala punti "A" f'laqgħa sussegwenti.

**18. Affarijiet oħrajn: lista ta' petizzjonijiet iddikjarata ammissibbli bejn il-31 ta' Mejju u l-14 ta' Lulju**

Ara l-Anness.

**19. Data u post tal-laqgħa li jmiss**

L-Erbgħa 29 ta' Settembru, 2010, mit-15.00 sas-18.30 u l-Ħamis 30 ta' Settembru, 2010, mid-9.00 san-12.30, fi Brussell.

*

*Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-18.20.*

*

**ПРИСЪСТВЕН ЛИСТ/LISTA DE ASISTENCIA/PREZENČNÍ LISTINA/DELTAGERLISTE/ ANWESENHEITSLISTE/KOHALOLIJATE NIMEKIRI/ΚΑΤΑΣΤΑΣΗ ΠΑΡΟΝΤΩΝ/RECORD OF ATTENDANCE/ LISTE DE PRÉSENCE/ELENCO DI PRESENZA/APMEKLĒJUMU REĢISTRS/DALYVIŲ SĄRAŠAS/JELENLÉTI ÍV/ REĠISTRU TA' ATTENDENZA/PRESENTIELIJST/LISTA OBECNOŚCI/LISTA DE PRESENÇAS/LISTĂ DE PREZENȚĂ/ PREZENČNÁ LISTINA/SEZNAM NAVZOČIH/LÄSNÄOLOLISTA/DELTAGARLISTA**

| |
|---|
| Бюро/Mesa/Předsednictvo/Formandskabet/Vorstand/Juhatus/Προεδρείο/Bureau/Ufficio di presidenza/Prezidijs/Biuras/Elnökség/ Prezydium/Birou/Predsedníctvo/Predsedstvo/Puheenjohtajisto/Presidiet (*) |
| Erminia Mazzoni, Carlos José Iturgaiz Angulo, Willy Meyer, Chrysoula Paliadeli |
| Членове/Diputados/Poslanci/Medlemmer/Mitglieder/Parlamendiliikmed/Μέλη/Members/Députés/Deputati/Deputāti/Nariai/Képviselõk/ Membri/Leden/Posłowie/Deputados/Deputați/Jäsenet/Ledamöter |
| Margrete Auken, Elena Băsescu, Victor Boştinaru, Simon Busuttil, Giles Chichester, Bairbre de Brún, Iliana Malinova Iotova, Carlos José Iturgaiz Angulo, Peter Jahr, Lena Kolarska-Bobińska, Erminia Mazzoni, Willy Meyer, Mariya Nedelcheva, Chrysoula Paliadeli, Nikolaos Salavrakos, Jarosław Leszek Wałęsa, Diana Wallis, Angelika Werthmann, Rainer Wieland, Tatjana Ždanoka |
| Заместници/Suplentes/Náhradníci/Stedfortrædere/Stellvertreter/Asendusliikmed/Αναπληρωτές/Substitutes/Suppléants/Supplenti/ Aizstājēji/Pavaduojantys nariai/Póttagok/Sostituti/Plaatsvervangers/Zastępcy/Membros suplentes/Supleanți/Náhradníci/Namestniki/ Varajäsenet/Suppleanter |
| Marta Andreasen, Herbert Dorfmann, Gerald Häfner, Marian Harkin, Joe Higgins, Vincenzo Iovine, Constance Le Grip, Keith Taylor, Axel Voss |

| | |
|---|---|
| 187 (2) | |
| Zbigniew Ziobro | |
| 193 (3) | |
| Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė | |
| 49 (6) (Точка от дневния ред/Punto del orden del día/Bod pořadu jednání (OJ)/Punkt på dagsordenen/Tagesordnungspunkt/Päevakorra punkt/Ημερήσια Διάταξη Σημείο/Agenda item/Point OJ/Punto all'ordine del giorno/Darba kārtības punkts/Darbotvarkės punktas/ Napirendi pont/Punt Aġenda/Agendapunt/Punkt porządku dziennego/Ponto OD/Punct de pe ordinea de zi/Bod programu schôdze/ Točka UL/Esityslistan kohta/Föredragningslista punkt) | |
| | |

| |
|---|
| Наблюдатели/Observadores/Pozorovatelé/Observatører/Beobachter/Vaatlejad/Παρατηρητές/Observers/Observateurs/Osservatori/ Novērotāji/Stebėtojai/Megfigyelők/Osservaturi/Waarnemers/Obserwatorzy/Observadores/Observatori/Pozorovatelia/Opazovalci/ Tarkkailijat/Observatörer |
| |

| |
|---|
| По покана на председателя/Por invitación del presidente/Na pozvání předsedy/Efter indbydelse fra formanden/Auf Einladung des Vorsitzenden/Esimehe kutsel/Με πρόσκληση του Προέδρου/At the invitation of the Chair(wo)man/Sur l'invitation du président/ Su invito del presidente/Pēc priekšsēdētāja uzaicinājuma/Pirmininkui pakvietus/Az elnök meghívására/Fuq stedina taċ-'Chairman'/ Op uitnodiging van de voorzitter/Na zaproszenie Przewodniczącego/A convite do Presidente/La invitația președintelui/Na pozvanie predsedu/Na povabilo predsednika/Puheenjohtajan kutsusta/På ordförandens inbjudan |

| |
|---|
| Paul de Clerck, Christoph Klein, Tommaso Esposito, Anna Maria Ranieri,, Giovanni Romano, Ivo Poggiani, Ermando Menella, John Maggs, **Dario Gargiulo, Ferdinando Kaiser, Natacha Cingotti, David Schneider-Addae-Mensah, Gary Timm** |

| | |
|---|---|
| Съвет/Consejo/Rada/Rådet/Rat/Nõukogu/Συμβούλιο/Council/Conseil/Consiglio/Padome/Taryba/Tanács/Kunsill/Raad/Conselho/ Consiliu/Svet/Neuvosto/Rådet (*) | |
| Vicenzo Celeste, Gigliola Pagliarini | |
| Комисия/Comisión/Komise/Kommissionen/Kommission/Euroopa Komisjon/Επιτροπή/Commission/Commissione/Komisija/Bizottság/ Kummissjoni/Commissie/Komisja/Comissão/Comisie/Komisia/Komissio/Kommissionen (*) | |
| Stephanos Ampatzis, Koen Delanghe, William Floyd, Marc Maes, Giuseppe Manganaro, Giovanni Mendola, Jacqueline Minor, Marcello Roma, Jonathan Stooodley, Mario P. Tenreiro, Anna Wlazlo | |
| Други институции/Otras instituciones/Ostatní orgány a instituce/Andre institutioner/Andere Organe/Muud institutsioonid/ Άλλα θεσμικά όργανα/Other institutions/Autres institutions/Altre istituzioni/Citas iestādes/Kitos institucijos/Más intézmények/ Istituzzjonijiet ohra/Andere instellingen/Inne instytucje/Outras Instituições/Alte instituţii/Iné inštitúcie/Druge institucije/Muut toimielimet/Andra institutioner/organ | |
| | |

| | |
|---|---|
| Други участници/Otros participantes/Ostatní účastníci/Endvidere deltog/Andere Teilnehmer/Muud osalejad/Επίσης Παρόντες/Other participants/Autres participants/Altri partecipanti/Citi klātesošie/Kiti dalyviai/Más résztvevők/Parteċipanti oħra/Andere aanwezigen/ Inni uczestnicy/Outros participantes/Alţi participanţi/Iní účastníci/Drugi udeleženci/Muut osallistujat/Övriga deltagare | |
| Giovanni Romano (Campania Region) | |
| Секретариат на политическите групи/Secretaría de los Grupos políticos/Sekretariát politických skupin/Gruppernes sekretariat/ Sekretariat der Fraktionen/Fraktsioonide sekretariaat/Γραμματεία των Πολιτικών Ομάδων/Secretariats of political groups/Secrétariat des groupes politiques/Segreteria gruppi politici/Politisko grupu sekretariāts/Frakcijų sekretoriai/Képviselőcsoportok titkársága/Segretarjat gruppi politiċi/Fractiesecretariaten/Sekretariat Grup Politycznych/Secr. dos grupos políticos/Secretariate grupuri politice/Sekretariát politických skupín/Sekretariat političnih skupin/Poliittisten ryhmien sihteeristöt/Gruppernas sekretariat | |
| PPE | Leo Cox, Virginie Remacle, Elena Martin |
| S&D | Vivienne Byrne, Sonia Chapotel, Ambroise Perrin |
| ALDE | Pekka Eskola |
| ECR | David Batt, Jacek Czabanski |
| Verts/ALE | Kjell Sevon |
| GUE/NGL | Brian Carty, Mireia Rovira |
| EFD | |
| NI | |

| |
|---|
| Кабинет на председателя/Gabinete del Presidente/Kancelář předsedy/Formandens Kabinet/Kabinett des Präsidenten/Presidendi kantselei/Γραφείο Προέδρου/President's Office/Cabinet du Président/Gabinetto del Presidente/Priekšsēdētāja kabinets/Pirmininko kabinetas/Elnöki hivatal/Kabinett tal-President/Kabinet van de Voorzitter/Gabinet Przewodniczącego/Gabinete do Presidente/ Cabinet Preşedinte/Kancelária predsedu/Urad predsednika/Puhemiehen kabinetti/Talmannens kansli |
| |
| Кабинет на генералния секретар/Gabinete del Secretario General/Kancelář generálního tajemníka/Generalsekretærens Kabinet/ Kabinett des Generalsekretärs/Peasekretäri büroo/Γραφείο Γενικού Γραμματέα/Secretary-General's Office/Cabinet du Secrétaire général/Gabinetto del Segretario generale/Ģenerālsekretāra kabinets/Generalinio sekretoriaus kabinetas/Főtitkári hivatal/Kabinett tas-Segretarju Ġenerali/Kabinet van de secretaris-generaal/Gabinet Sekretarza Generalnego/Gabinete do Secretário-Geral/Cabinet Secretar General/Kancelária generálneho tajomníka/Urad generalnega sekretarja/Pääsihteerin kabinetti/Generalsekreterarens kansli |
| |
| Генерална дирекция/Dirección General/Generální ředitelství/Generaldirektorat/Generaldirektion/Peadirektoraat/Γενική Διεύθυνση/ Directorate-General/Direction générale/Direzione generale/Ģenerāldirektorāts/Generalinis direktoratas/Főigazgatóság/Direttorat Ġenerali/Directoraten-generaal/Dyrekcja Generalna/Direcção-Geral/Direcţii Generale/Generálne riaditeľstvo/Generalni direktorat/ Pääosasto/Generaldirektorat |

| | |
|---|---|
| DG PRES | |
| DG IPOL | Claire Genta |
| DG EXPO | |
| DG COMM | Mónica Lara, Natalia Dasilva |
| DG PERS | |
| DG INLO | |
| DG TRAD | |
| DG INTE | |
| DG FINS | |
| DG ITEC | |

| |
|---|
| Правна служба/Servicio Jurídico/Právní služba/Juridisk Tjeneste/Juristischer Dienst/Õigusteenistus/Νομική Υπηρεσία/Legal Service/ Service juridique/Servizio giuridico/Juridiskais dienests/Teisės tarnyba/Jogi szolgálat/Servizz legali/Juridische Dienst/Wydział prawny/ Serviço Jurídico/Serviciu Juridic/Právny servis/Pravna služba/Oikeudellinen yksikkö/Rättstjänsten |
| |
| Секретариат на комисията/Secretaría de la comisión/Sekretariát výboru/Udvalgssekretariatet/Ausschusssekretariat/Komisjoni sekretariaat/Γραμματεία επιτροπής/Committee secretariat/Secrétariat de la commission/Segreteria della commissione/Komitejas sekretariāts/Komiteto sekretoriatas/A bizottság titkársága/Segretarjat tal-kumitat/Commissiesecretariaat/Sekretariat komisji/ Secretariado da comissão/Secretariat comisie/Sekretariat odbora/Valiokunnan sihteeristö/Utskottssekretariatet |
| David Lowe, Karen Lone Chioti, Johannes Heezen, Carolina Lecocq Perez, Carolyn Leffler-Roth, Alina-Gabriela Vasile |
| Сътрудник/Asistente/Asistent/Assistent/Assistenz/Βοηθός/Assistant/Assistente/Palīgs/Padėjėjas/Asszisztens/Asystent/Pomočnik/ Avustaja/Assistenter |
| Nathalie Marchioro-Holzer |

* (P) = Председател/Presidente/Předseda/Formand/Vorsitzender/Esimees/Πρόεδρος/Chair(wo)man/Président/Priekšsēdētājs/Pirmininkas/ Elnök/'Chairman'/Voorzitter/Przewodniczący/Preşedinte/Predseda/Predsednik/Puheenjohtaja/Ordförande
(VP) = Заместник-председател/Vicepresidente/Místopředseda/Næstformand/Stellvertretender Vorsitzender/Aseesimees/Αντιπρόεδρος/ Vice-Chair(wo)man/Vice-Président/Priekšsēdētāja vietnieks/Pirmininko pavaduotojas/Alelnök/Viċi 'Chairman'/Ondervoorzitter/ Wiceprzewodniczący/Vice-Presidente/Vicepreşedinte/Podpredseda/Podpredsednik/Varapuheenjohtaja/Vice ordförande
(M) = Член/Miembro/Člen/Medlem./Mitglied/Parlamendiliige/Μέλος/Member/Membre/Membro/Deputāts/Narys/Képviselő/ Membru/Lid/Członek/Membro/Membru/Člen/Poslanec/Jäsen/Ledamot
(F) = Длъжностно лице/Funcionario/Úředník/Tjenestemand/Beamter/Ametnik/Υπάλληλος/Official/Fonctionnaire/Funzionario/ Ierēdnis/Pareigūnas/Tisztviselő/Uffiċjal/Ambtenaar/Urzędnik/Funcionário/Funcţionar/Úradník/Uradnik/Virkamies/Tjänsteman